BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

11 ta' Mejju, 2012

# Minuti tal-laqgha 03(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 03(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju, 2012 fil-5:30 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-sur John Boxall, Sindku, Is-Sur Trevor Mizzi Vici Sindku, s-sur Anton Gellel, Kunsillier u s-Sur Lawrence Attard, Kunsillier.

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fi 6:45 ta' filghaxija

## Talba.

Is-sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgha 02(06), kif ukoll tal-kontinwazzjoni ta' l-istess laqgha, ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 2.1 (02/06) Zjara ta' l-Ambaxxatur Franciz ghal Malta

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Eccelenza Tieghu, s-Sur Michael Vandepoorter, Ambaxxatur Franciz ghal Malta, ser jaghmel zjara ufficjali fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju, 2012.

1.2 Item 2.4(02/06) Ix-Xelters f'Couvre Porte

Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti qablu li aktar-il quddiem ghandhom jsiru l-arrangamenti sabiex issir *Open Day* ghar-residenti tal-Birgu tax-xelters ta' Couvre Porte.

1.2 Item 2.5 (02/06) Gurnata Kulturali gewwa Ragusa

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li hemm interess mir-residenti sabiex din il-gurnata kulturali gewwa Ragusa, tigi organizzata mil-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghamel l-arrangamenti mehtiega sabiex din l-attivita tigi organizzata fid-9 ta' Gunju, 2012, ghal prezz ta' € 123. Is-Sindkuk kompla billi qal li ghandha tintbaghat stedina lir-residenti kollha tal-lokalita.

1.3 Item 2.6(02/06) L-Assocjazzjoni "ALDA"

Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex ghal din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jitfax il-kandidatura tieghu sabiex ikun membru fil-bord ta' din l-assocjazzjoni, peress li din hija l-ewwel sena li l-Kunsill issieheb bhala membru f'din l-assocjazzjoni. Is-Sindku kompla biex jinforma lil Kunsilliera li l-Kunsill ircieva stedina min din l-assocjazzjoni sabiex jattendi ghal konferenza li ser issir bejn is-7 u t-8 ta' Gunju, 2012, gewwa Udine, fl-Italja. Is-Sur John Boxall, zied jghid li din l-Assocjazzjoni ser thallas nofs l-ispiza ta' l-ivjaggar kif ukoll l-akkomodazzjoni ghal din il-konferenza. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jattendi ghal din l-konferenza annwali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex ghal din il-konferenza jattendi s-Sindku s-Sur John Boxall, flimkien mal-Kunsillier Alan Cassar.

1.4 Item 2.7 (02/06)Gbir ta' skart separat fil-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li saret laqgha mal-Kumpanija Green MT, li ser tkun il-kumpanija responsabli mil-gbir ta' skart separat, kif ukoll mil-*Bring in Sites* fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija ser tghati gurnata min meta ser jibda s-servizz min-naha taghha.

1.5 Item 2.10 (02/06) Progett ta' Pavimentar fiz-zona tal-Collachio u Misrah ir-Rebha.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li huwa kien rah pjanti differenti min dak li kien approvat min-naha tal-Kunsill precedenti u talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex jekk huwa possibli ggib kopja tal-pjanti approvati min-naha tal-MEPA.

1.6 Item 2.12(02/06) Talba ghal Railing mal-Mina l-Gdida

Is-Sindku qal li s'issa l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta min-naha tal-Perita Amanda Degiovanni, l-Perita Responsabli mix-xoghlijjiet li saru fuq il-Mina l-gdida, fl-entratura tal-Birgu, sabiex issir xi tip ta' railing, preferibilment bhal dak li diga hemm mad-dawra ta' Couvre Porte, limea railing huwa mehtieg peress li din l-area saret perikoluza. Is-Sindku ssugerixxa sabiex jintbaghat *reminder* lil Perita Amanda Degiovanni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Item 2.15(02/06) Esebizzjoni mill-Kullegg Santa Margerita, Sekondarja Subien, Verdala

Is-Sindku qal li l-esebizzjoni mil-Kullegg Santa Margerita, Sekondarja Subien, Verdala kienet saret, u hekk kif kien miftiehem, nghata lil Kunsill l-banner tal-Belt tal-Birgu, liema *banner* kien gie ffinanzjat mill-istess Kunsill.

1.8 Item 2.16 (02/06) L-Assocjazzjoni Walled Towns Friendship Circle

Is-Sindku, S-Sur John Boxall, qal li bejn l-10 u t-13 ta' Mejju, 2012, l-Assocjazzjoni tal-Walled Towns Friendship Circle ser issir il-konferenza ta' din l-assozjazzjoni gewwa Malta, liema konferenza ser tkun organizzata flimkien mal-Belt Valletta, il-Belt ta' l-Imdina u l-Belt tar-Rabat, Ghawdex. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsillier Lawrence Attard li huwa r-rapprezentat tal-Kunsill f'din l-Assocjazzjoni ser ikun responsabli mill-attivitajiet li ser issiru fil-Birgu, ser jattendi ghal din il-konferenza.

1.9 Item 2.22 (02/06) Proposta mir-Rotary Club La Vallette Malta

Is-Sindku, qal li Rotary Club La Vallette Malta, gew infrumati dwar il-posizzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li c-*Chairman* ta' din l-assocjazzjoni xtaq li jerga' jiddiskuti xi proposti ohra mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u aktar-il quddiem ser issir laqgha ma' din l-assocjazzjoni.

1.10 Item 2.23 (02/06) Sitwazzjoni tat-tindif fil-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti bis-sitwazzjoni tat-tindif fil-lokalita tal-Birgu u sostna li l-istess Kunsill mhux kuntent bis-servizz mghotti min-naha tal-kuntrattur prezenti, fejn hafna mix-xoghol u mit-tindif, qieghed isir mil-haddiema assenjati mil-ETC. Is-Sindku zied jghid, li l-Kunsill, nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju, 2012, hareg *Default Notice* fil-konfront ta' dan il-kuntrattur wara s-servizz fi Triq it-Torri ta' San Gwann ma kienx nghata tajjeb bil-konsegwenza li din it-triq kellha titnaddaf mil-haddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku pprezenta r-risposta li bghat l-istess Kuntrattur lil Kunsill Lokali tal-Birgu, liema korrispondenza giet mibghuta lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghal parir ulterjuri.

1.11 Item 2.28(02/06) Il-Programm Youth in Action iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-Applikazzjoni tal-Youth Initiative fi hdan il-Programm Youth in Action iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-applikazzjoni tal-Youth Exchange gew sottomessi fi hdan l-EUPA, l-Agenzija responsabli min dawn l-applikazzjonijiet f'Malta.

1.12 Item 4 (02/06) Kwotazzjoni/Tender ghat-tlugh u l-inzul tal-bandiera tal-Birgu fuq il-Mina l-Gdida

Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-kwotazzjoni ghat-tlugh u l-inzul tal-bandiera tal-Birgu kienet harget u ghalqet fi 2 ta' Mejju, 2012, fejn ghal din il-kwotazzjoni applika biss is-Sur Alfred

Mizzi ghal prezz ta' € 6 kuljum, bi prezz annwali jkun ta' € 2190. Wara diskussjoni, s-Sindku talab biex din l-offerta tigi ssekondata u approvata. Il-Kunsilier Anton Gellel issekonda u kienet approvata unanimament.

Hawnhekk is-Sindku pprezenta ukoll kwotazzjoni ghal sitt arbli. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex dawn il-kwotazzjonijiet jghaddu ghand is-Sur Anton Gellel sabiex jaghti parir hu min-naha tieghu ghal liem tip ta' arbli l-Kunsill ghandu jaghzel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.13 Item 6.1 (02/06) Stedina mis-Sindku ta' St. Tropez

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sindku tal-belt ta' St. Tropez fi Franza, fejn stieden lis-Sindku s-Sur John Boxall ghal bidu tat-tigrija tal-jottijiet "Le Trophee du Bailli de Suffren" u bi tmiem taghha ssir fil-Port il-Kbir, propju fil-Yacht Marina tal-Birgu,liema tigrija tibda bejn t-22 u t-23 ta' Gunju, 2012.

1.14 Item 1.6 (kontinwazzjoni 02/06) Talba mil-Patrijiet Dumnikani

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu ma ddecidiex liema triq ghandha tinghata l-isem ghal Madonna tal-Lunzjata. Il-Kunsill ser jiddiskuti u jiddeciedi fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

1.15 Item 1.8 (kontinwazzjoni 02/06) Kwotazzjoni ghal sufan ghal *front office* ghal Berga ta' Franza

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ohra minghand il-kumpanija Schembri Mobili, ghal sufan ghal *waiting area* tal-*front office* fil-Berga ta' Franza, ghal prezz ta' € 300. Wara diskussjoni, s Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.16 Item 8 (kontinwazzjoni 02/06) L-Attivita ta' Jum il-Birgu 2012

Il-Kunsillier Alan Cassar tah rendikont lil kunsilliera dwar il-preparazzjoni tal-filmat dokumentattiv dwar il-Belt tal-Birgu, kif ukoll il-preparamenti ghal l-attivita ta' Jum il-Birgu 2012.

1.17 Item 9 (kontinwazzjoni 02/06) L-attivita tal-BirguFest 2012

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill irid isejjah laqgha sabiex ilaqqa' s-sotto Kumitat tal-BirguFest 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.18 Item 10 (kontinwazzjoni 02/06) Is-Sitwazzjoni tat-Toroq fil-Birgu

Il-Kunsillier Anton Gellel, ghal darb'ohra sostna sabiex il-Kunsill jaghmel l-almu tieghu biex tinstab soluzzjoni ghas-sitwazzjoni hazina li jinsabu fiha t-toroq fil-Belt tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob laqgha mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-Kunsill jara x'inhi l-intenzjoni ta' din l-korporazzjoni li ssir Triq il-Kardinal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.19 Item 11.3 (kontinwazzjoni 02/06) ATM fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li fuq inizjattiva ta' l-istess Kunsill u bil-kollaborazzjoni ta' sid ta' propjeta, il-*Bank of Valletta* huwa interessat li jinstalla ATM fil-Birgu. Ir-rakkomondazzjonijiet minn dan il-Bank, fil-post propost huma favorevoli.

1.20 Item 11.5 (kontinwazzjoni 02/06) Il-Progett Oralities

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li fi 28 ta' Mejju, 2012, gewwa l-Belt ta' Evora fil-Portugal ser issir il-konferenza ta' dan il-progett, fejn ser jigu diskussi l-finanzjament ta' l-istess progett. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-konferenza ser jattendu huwa flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.21 Item 11.9 (kontinwazzjoni 02/06) Sotto-Kumitat maghmul mil-ghaqdiet tal-lokal.

Is-Sindku ssugerixxa sabiex tintbaghat ittra lil ghaqdiet u socjetajiet tal-lokal kollha fejn dawn l-ghaqdiet jintalbu jinnominaw persuna u sostitut taghha bhala membru f'dan is-sotto-kumitat ta' l-ghaqdiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Korrispondenza

2.1 Talba mil-Vittoriosa Stars Youth Nursery

Email minghand is-Sur Jonathan Vella, Segretarju tal-Vittoriosa Stars Youth Nursery, fejn dawn talbu il-permessi mehtiega tal-Kunsill, sabiex nhar l-Gimgha 25 ta' Mejju, fil-*belvedere* ta' Couvre Porte jorganizzaw pasta night disco party. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Talba mil-Ghaqda Muzikali San Guzepp

Ittra minghand is-Sur Joseph Zammit, segretarju ta' l-Ghaqda Muzikali San Guzepp, fejn ghan-nom tal-Kumitat talab il-permess ghal hruq ta' xi kaxxi infernali waqt il-festa ta' San Guzepp, Kalkara, nhar il-Hamis 5 ta' Lulju, is-Sibt 7 ta' Lulju, u l-Hadd 8 ta' Lulju, 2012, mill-post maghruf bhala x-Xewkija. Wara diskussjoni, l-Kunsill bi qbil unanimu qabel li jinaghta l-permess mehtieg.

2.3 Talba mis-Sur Keith Aquilina, sid il-Hanut "Il-Pjazzetta"

Is-Sindku pprezenta talba mibghuta mis-Sur Keith Aquilina, sid il-Hanut "Il-Pjazetta" fejn talab sabiex fi Triq San Lawrenz kantuniera ma' Triq Nestu Laiviera, jwahhal tabella bhal dawk ezistenti bir-reklam tal-hanut tieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Kwotazzjoni ghal barriers

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta kwoatazzjoni mil-kumpanija Parkwell International ghal barriers ghal prezz ta' € 86 minghajr VAT ghal barriers ta' 2 metri u ghal prezz ta' € 78 minghajr

VAT ghal barriers ta’ 1.2 metru. Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha ma’ din l-kumpanija sabiex tigi din il-kwotazzjoni tigi diskussa f’aktar dettal.

2.4 Insurance

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-polza ta’ l-assikurazzjoni giet mibdula sabiex tkopri lil kunsilliera kollha eletti fl-elezzjoni li saret fl-10 ta’ Marzu, 2012.

2.5 Kwotazzjoni ghal qtugh ta’ haxix hazin fil-Belt tal-Birgu

Is-Sindku, s-sur John Boxall, pprezenta zewgt kwotazzjonijiet, wahda mil-Kumpanija Dimbros Ltd ghal qtugh ta’ haxix hazin fil-Birgu ghal prezz ta’ € 1416 vat inkluz, u l-ohra minghand il-kumpanija EuroClean Ltd. ghal prezz ta’ € 950 vat inkluz. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta dik tal-kumpanija EuroClean Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Il-progett tal-qlugh ta’ l-*aerials* minghajr uzu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li nhar l-Erbgha 9 ta’ Mejju, 2012, nghata bidu ghal progett tal-qlugh ta’ l-aerials mingħajr użu minn fuq il-bjut fil-Belt tal-Birgu. Dan il-proġett seta' jingħata l-bidu tiegħu, wara lir-residenti tal-Birgu permezz ta’ applikazzjoni li kienet tqassmet bieb bieb mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u wara li l-istess residenti urew l-interess tagħhom biex l-*aerials* mingħajr użu jinqalgħu minn fuq il-bjut tagħhom. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill jemmen li bis-saħħa ta’ dan il-proġett, li qiegħed isir mingħajr ebda ħlas u bl-għajnuna tal-ħaddiema assenjati miegħu mill-Korporazzjoni tal-ETC, barra li qed ikun ta’ għajnuna u ta’ benefiċċju lir-residenti, speċjalment lil dawk anzjani, ser tingħata aktar dehra sabiħa u nadifa lil din il-Belt Storika.

## 4. Il-Konferenza tal-progett “SECRET”

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera bil-preparamenti li qeghdin isiru ghal konferenza tal-progett “SECRET” li l-Kunsill huwa msieheb fih, li ser issir fil-Belt tal-Birgu bejn l-10 u t-13 ta’ Mejju, 2012. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-konferenza ser titella’ esebizzjoni fil-Berga ta’ Franza, fejn il-ftuh ta’ din l-esebizzjoni ser issir mil-Onor Ministru Carm Mifsud Bonnici. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. Ftuh ufficjali tal-*Front Office* fil-Berga ta’ Franza

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta’ Franza sabiex l-istess Kunsill jiftah il-*front office* tieghu f’din il-Berga. Is-Sindku zied jghid li d-data tal-ftuh ufficjali tiddependi mid-diversi kuntratturi li ghadhom qed jaghmlu x-xoghlijiet taghhom f’din il-binja. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jinghata donazzjoni ta’ tlett pitturi ta’ l-artista C.S. Lawrence minghand is-sid il-hanut Cafe du Brazil, is-Sinjur Matthew Dimech u s-Sinjura Diandra Dimech, minghand is-sur Geert Sciort u s-Sinjur Ed Shobben u minghand il-kumpanija AX Holdings Ltd.

Hawnhekk is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mis-Sur Lawrence Barbara ghal bieb ta' l-injam ghal din il-binja ghal prezz ta' € 990. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob zewgt kwotazzjonijiet ohra ghal dan ix-xoghol. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-sur Boxall, Sindku, pprezenta ukoll rapport maghmul mil-Engineer tal-Kunsill l-Engineer Is-Sur Renzo Curmi dwar il-kwotazzjonijiet migbura ghas-sistema tal-PABX. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva taqra dan ir-rapport, fejn l-Engineer Renzo Curmi, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghzel is-sistema offruta mil-Kumpanija GO ghal prezz ta' € 3571.02. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni fuq il-parir mghoti mil-Engineer. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Kwotazzjoni ghal *safe* ghal binja tal-Kunsill minghand il-Kumpanija Alberta Ltd. ghal prezz ta' € 405.27, kif ukoll minghand il-kumpanija J.Grima & Co. Ltd, ghal prezz ta' €454.95. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni tal-kumpanija Alberta Ltd. ghal prezz ta' € 405.27, peress li din kienet l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

## 6. <u>Progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli</u>

Is-Sindku tah rendikont dwar il-progett tal-Gnien fuq tal-Hawli, fejn informa lil kunsilliera prezenti li wara laqgha li saret bejn il-Perit tal-Kunsill, il-Perit Marvin Ellul u l-Perita mil-Awtorita tad-Djar il-Perit Melanie Spiteri, gie deciz li hemm bzonn li jinhareg tender sabiex issir it-tarmac biex parti mil-gnien issir parking area, kif ukoll tender biex issir trinka li fija titpogga katusa kbira biex fiha jmur l-ilma tax-xita. Is-Sindku zied jghid li l-Perit Marvin Ellul ser jipprepara t-tenders neccessarji.

## 7. <u>Taghrif dwar is-sitwazzjoni fi Triq San Lawrenz</u>

Il-Kunsillier Anton Gellel tah rendikont tal-laqgha li hu flimkien mas-Sindku s-Sur John Boxall kellhom mal-Perita responsabli mix-xoghlijiet fi Triq San Lawrenz min-naha ta' l-Awtorita tat-Transport Malta, kif ukoll mal-kuntrattur responsabli. Hawnhekk is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li din it-triq skond il-Perit ma tistax issir bit-tarmac izda trid issir pavimentar, hu zied jghid li ntbghatet korrispondenza lil Perit David Vassallo sabiex din is-sitwazzjoni tigi rrangata darba ghal dejjem. Wara diskussjoni, s-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jsejjah laqgha ghar-residenti ta' din it-triq u jigu anke mistiedna rapprezentanti ta' Transport Malta, sabiex tigi spjegata ahjar is-sitwazzjoni lir-residenti ta' din it-triq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. <u>*"Film and Arts and Culture Festival"*</u>

Il-Kunsillier Alan Cassar ipprezenta proposta sabiex f'Gunju tas-sena 2013,fil-Birgu jigi mtella' "Film, Arts and Culture Festival". Is-Sindku, s-sur John Boxall, ssekonda din l-attivita u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9. Affarijiet Ohra**

**9.1 Laqgha mal-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C**

Is-Sindku s-sur John Boxall ssugerixxa sabiex issir laqgha mal-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. sabiex jigi diskuss l-izvillup tal-ground tal-Fortini. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 9:30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju fi 6 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |